**Ministeru għas-Saħħa u Anzjanità Attiva**

**Post ta' Staff Nurse / Psychiatric Mental Health Nurse fuq bażi ta' Full-Time/Part Time fis-Servizz Pubbliku ta' Malta**

*Nomenklaturi li jindikaw il-maskil jinkludu wkoll il-femminil.*

1. Id-Direttur Ġenerali (People Management), Ministeru għas-Saħħa u Anzjanità Attiva tilqa' applikazzjonijiet għall-post ta' Staff Nurse / Psychiatric Mental Health Nurse fuq bażi ta' Full-Time/Part Time fis-Servizz Pubbliku ta' Malta.

**Termini u Kundizzjonijiet**

2.1 Din il-ħatra hija suġġetta għal perjodu ta' probation/prova ta' sena (1) jekk appuntat b'Degree fin-Nursing/ Mental Health Nursing (Skala 10) u għal perjodu ta' probation/prova ta' sitt (6) xhur jekk appuntat b'Diploma fin-Nursing/ Mental Health Nursing (Skala 12).

2.2 Is-salarju ta' Staff Nurse / Psychiatric Mental Health Nurse bid-Diploma f'Livell 5 tal-MQF (suġġetta għal minimu ta' 60 ECTS/ ECVET krediti) huwa ta' Skala ta' Salarju 12, li fis-sena 2025 huwa ta' €22,526.00 fis-sena, li jiżdied b'€354 fis-sena sa massimu ta' €24,650.00.

Persuna fil-grad ta' Staff Nurse / Psychiatric Mental Health Nurse (bid-Diploma) titla' minn Skala ta' Salarju 12 għal Skala ta' Salarju 10 (li fis-sena 2025 hu €25,570.98 x €407.67 - €28,017.00 fis-sena) wara tliet (3) snin servizz fil-grad jekk tkun qdiet dmirha b'mod sodisfaċenti.

Persuna fil-grad ta' Staff Nurse / Psychiatric Mental Health Nurse (bid-Diploma) titla' minn Skala ta' Salarju 10 għal Skala ta Salarju 9 (li fis-sena 2025 hu €27,145.02 x €447.33 - €29,829.00 fis-sena) suġġett għall-kisba tal-warrant relevanti biex tipprattika **U** mat-tlestija ta' ħames (5) snin ekwivalenza sħiħa ta' servizz sodisfaċenti fil-grad.

Staff Nurse / Psychiatric Mental Health Nurse bid-Diploma li jiksbu Degree BSc. fin-Nursing / BSc. fil-Mental Health Nursing fil-Livell 6 tal-MQF (suġġetta għal minimu ta' 180 ECTS/ECVET krediti jew ekwivalenti), jew lekwivalenti tagħha kif iddeterminat mill-Management, matul il-kors tal-impjieg tagħhom, huma immedjatament imqiegħda fi Skala 10 u mbagħad jitilgħu għal Skala 9 wara sentejn (2) bid-Degree jew ħames (5) snin servizz fil-klassi u l-kisba tal-warrant, skond liema jiġi l-ewwel.

2.3 Is-salarju ta' Staff Nurse / Psychiatric Mental Health Nurse bil-BSc (Nursing) degree / BSc (Mental Health Nursing) degree f'Livell 6 tal-MQF (suġġetta għal minimu ta' 180 ECTS/ECVET krediti jew ekwivalenti), jew lekwivalenti tagħha hekk kif jiġi ddeterminat mill- Management, wara konsultazzjoni mal-Kunsill tal-Infermiera u l-Qwiebel (Malta), huwa Skala ta' Salarju 10, li fis-sena 2025 hu €25,570.98 fis-sena, li jiżdied b'€407.67 fi-sena sa massimu ta' €28,017.00.

Persuna fil-grad ta' Staff Nurse / Psychiatric Mental Health Nurse (bid-Degree) titla' minn Skala ta' Salarju 10 għal Skala ta' Salarju 9 (li fis-sena 2025 hu €27,145.02 x €447.33 - €29,829.00 fis-sena) wara sentejn (2) servizz bħala Staff Nurse / Psychiatric Mental Health Nurse (bid-Degree) fi Skala 10, jekk tkun qdiet dmirha b'mod sodisfaċenti.

2.4 Staff Nurse / Psychiatric Mental Health Nurse li minbarra r-rekwiżiti msemmija fil-paragrafu 2.2. jew filparagrafu 2.3, għandha fil-pussess tagħha postgraduate Masters Degree xierqa fil-Livell 7 tal-MQF (suġġetta għal minimum ta' 90 ECTS/ECVET krediti jew ekwivalenti*), jew Dottorat fil-Livell 8 tal-MQF għandu jitpoġġa immedjatament fi Skala ta' Salarju 8 (li fis-sena 2025 hu €28,792.02 x €486.83 - €31,713.00 fis-sena) bħala Staff Nurse / Psychiatric Mental Health Nurse.

*Kwalifika ta' Masters rikonoxxuta b'minimu ta' 60 krettu ECTS/ECVET hija aċċettata biss bil-kundizzjoni li dikjarazzjoni formali ta' rikonoxximent tal-Masters mill-MQRIC tiġi sottomessa mal-applikazzjoni. Kwalifika ta' Masters rikonoxxuta mill-Università ta' Malta (mogħtija qabel l-2009) b'inqas minn 60 krettu ECTS/ECVET hija aċċettabbli sakemm jiġi vverifikat mill-MQRIC li l-ammont ta' xogħol huwa komparabbli ma' mill-inqas 60 krettu ECTS/ECVET.

2.5 Qed jiġi nnutat li s-salarju marbut mal-post ta' Staff Nurse / Psychiatric Mental Health Nurse fuq bażi full-time / part-time hu supplimentat b'allowances hekk kif speċifikat fil-ftehim settorali fis-seħħ iffirmat bejn il-Gvern ta' Malta u l-Union ta' Malta għall-Qwiebel u Infermiera.

2.6 Il-kandidati magħżula għandhom ikunu ta’ kondotta xierqa għall-post/pożizzjoni li għalih saret l-applikazzjoni. Dawk li japplikaw minn barra s-Servizz Pubbliku għandom jipproduċu Ċertifikat tal-Kondotta maħruġ mill-Uffiċċju tar-Rekords Kriminali jew awtorità kompetenti oħra mhux aktar minn sitt (6) xhur qabel id-data tal-għeluq ta’ din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, li għandu jiġi sottomess mill-persuna magħżula fi żmien ġimgħa (1) mid-data tan-notifika tal-ħatra.

2.7 Fir-rigward tar-rekwiżiti li joħorġu mid-Direttiva 16, dwar il-‘Qafas Governattiv għall-Prevenzjoni u l-Ġestjoni ta’ Kunflitti ta’ Interess fl-Amministrazzjoni Pubblika’, maħruġ mis-Segretarju Permanenti Ewlieni fis-27 ta’ Novembru 2023 u li daħal fi-seħħ fl-1 ta’ Frar 2024, il-Bord tal-Għażla se jivvaluta l-impjiegi preċedenti tal-kandidati biex jevalwa l-kunflitti ta’ interess potenzjali. F’dan ir-rigward, il-kandidati għandhom jipprovdu CV kompletament aġġornat, inkluż il-kwalifiki u l-istorja tal-impjieg mal-applikazzjoni tagħhom. Kwalunkwe kwistjoni ta’ kunflitt ta’ interess potenzjali nnutata għandha tiġi rrappurtata lis-Segretarju Permanenti rispettiv biex jiġi żgurat li, jekk il-kandidat jiġi reklutat, tali kunflitti ta’ interess ikunu mmaniġġjati b’mod xieraq.

Barra minn hekk, il-kandidati magħżula għandhom jirrappurtaw kwalunke kunflitt ta’ interess magħruf, attwali, potenzjali jew apparenti qabel ma jaċċettaw ħatra, permezz tad-Dikjarazzjoni preskritta disponibbli fl-Appendiċi 1 tad-Direttiva 16 (disponibbli hawn).

**Dmirijiet**

3.1 Id-dmirijiet għal dan il-post ta’ Staff Nurse / Psychiatric Mental Health Nurse jinsabu fl-Anness A mehmuż ma’ din iċ-Ċirkolari.

Aktar dettalji dwar id-dmirijiet marbuta ma' dan il-post jistgħu jinkisbu mid-Diviżjoni tal-People Management, Ministeru għas-Saħħa u Anzjanità Attiva, 15, Palazzo Castellania, Triq Merkanti, Valletta, VLT 1171 li jista' jiġi kkuntattjat ukoll permezz tal-email fuq recruitment.health@gov.mt

3.2 Persuni maħtura jiġu stazzjonati f'Ministeru rispettiv skont l-esiġenzi tas-servizz u ittri ta' ħatra jinħarġu mis-Segretarju Permanenti tal-Ministeru rispettiv.

3.3 Il-kandidati magħżulin jistgħu jkunu meħtieġa jaħdmu fuq bażi ta' shift li jinkludi xogħol bil-lejl skont rosters stabbiliti. Staff Nurses / Psychiatric Mental Health Nurses ingaġġati fuq bażi part-time ikunu meħtieġa li jaħdmu minimu ta' 10 siegħat fil-ġimgħa u allokati f'rosters u sezzjonijiet skont l-eżiġenzi tas-servizz.

3.4 Persuna maħtura tista' tkun meħtieġa li twettaq dmirijiet fi kwalunkwe servizz għall-kura tas-Servizz Pubbliku ta' Malta skont id-diskrezzjoni tal-Management.

**Rekwiżiti tal-Eliġibbilita’**

4.1 Sal-ħin u d-data tal-għeluq ta’ din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, l-applikanti għandhom ikunu

i.
   a. ċittadini ta’ Malta; **jew**
   b. ċittadini ta’ Stati Membri oħra tal-Unjoni Ewropea li għandhom jedd għal trattament ugwali daqs ċittadini Maltin fi kwistjonijiet ta’ impjieg bis-saħħa ta’ leġiżlazzjoni tal-UE u dispożizzjonijiet ta’ trattati dwar iċ-ċaqliq ħieles tal-ħaddiema; **jew**
   c. ċittadini ta’ kwalunkwe pajjiż ieħor li għandhom jedd għal trattament ugwali daqs ċittadini Maltin fi kwistjonijiet ta’ impjieg minħabba li jkunu japplikaw għal dak il-pajjiż leġislazzjoni tal-UE u dispożizzjonijiet ta’ trattati dwar iċ-ċaqlieq ħieles tal-ħaddiema; **jew**
   d. kwalunkwe persuni oħra li għandhom jedd għal trattament ugwali daqs ċittadini Maltin fi kwistjonijiet ta’ impjieg permezz tar-relazzjoni familjari tagħhom ma' persuni msemmija f’(a), (b) jew (c), skont kif hemm fil-liġi jew fil-leġislazzjoni tal-UE u dispożizzjonijiet ta’ trattati msemmija hawn fuq; **jew**
   e. ċittadini ta’ pajjiżi terzi li jkunu ngħataw status ta' residenti li joqogħdu għal żmien twil f’Malta taħt ir-regolament 4 tar-Regolamenti tal-2006 dwar “Status ta’ Residenti li joqogħdu għal Żmien Twil (Ċittadini ta’ Pajjiżi Terzi)”, jew li jkunu ngħataw permess ta' residenza taħt ir-regolament 18(3) tal-istess regolamenti, flimkien mal-membri tal-familja ta’ ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu ngħataw permess ta’ residenza taħt ir-Regolamenti tal-2007 dwar ir-Riunifikazzjoni tal-Familji; **jew**
   f. Fil-pussess ta’ dokument tar-residenza maħruġ skont id-dokument ‘Status ta’ Residenza ta’ Ċittadini tar-Renju Unit u l-Membri tal-Familja tagħhom f’Malta skont il-Ftehim dwar l-Irtirar tar-Renju Unit u l-Irlanda ta’ Fuq mill-Unjoni Ewropea u r-Regolamenti tal-Komunità Ewropea dwar l-Enerġija Atomika.’

**Għandu jintalab il-parir tat-Taqsima taċ-Ċittadinanza fi ħdan l-Aġenzija Komunita` Malta u tat-Taqsima tal-Espatrijati fi ħdan Identita` skont il-ħtieġa fl-interpretazzjoni tad-dispożizzjonijiet imsemmija hawn fuq.**

Il-ħatra ta' kandidati msemmija f'(b), (c), (d) u (e) hawn fuq teħtieġ il-ħruġ ta' liċenzja tax-xogħol f'dawk il-każijiet fejn hija meħtieġa skont l-Att dwar l-Immigrazzjoni u leġiżlazzjoni sussidjarja. Jobsplus għandha tiġi kkonsultata skont il-ħtieġa dwar din il-materja.

ii. (a) profiċjenti fil-lingwa Maltija. Għaldaqstant, kandidati li mhumiex profiċjenti fil-lingwa Maltija xorta ser jiġu kkunsidrat imma għandhom jipprovdu evidenza ta' profiċjenza bażika fil-lingwa Maltija qabel il-konferma talħatra li hi fiż-żmien sena (1) mill-ingaġġ fil-kas ta' Staff Nurses/ Psychiatric Mental Health Nurses appuntati bid-Degree, u sitt (6) xhur fil-kaz ta Staff Nurses / Psychiatric Mental Health Nurses appuntati bid-Diploma, billi jgħaddu b'suċċess mill-eżami fil-Basi Medical Maltese for the Healthcare Profession Part 1 tal- Universita' ta' Malta. Il-kors li uffiċjalment iwassal għal dan l eżami huwa l-Kors in Basic Medical Maltese for the Healthcare Profession Part 1 immexxi mid-Dipartiment tal-Malti ta Universita' ta' Malta. Staff Nurses/ Psychiatric Mental Health Nurses impjegati b'Diploma li ma' jkunux kisbu da iċċertifikat fi żmien ta' prova ta' sitt (6) xhur, jingħataw estensjoni ta' darba ta' sitt (6) xhur biex jiksbu b'suċċess dan iċ-ċertifikat, qabel ilkonferma tal-ħatra tagħhom. Kwalunkwe ħlas relatat mal-kors jew assessjar tiegħu jridu jiġu mħallsa millkandidati prospettivi magħżula. Madankollu, tali spejjeż jistgħu jiġu applikati biex jitħallsu lura permezz taliSkema tal-Continuous Professional Development (CPD).

**U**

(b) profiċjenti fil-lingwa Ingliża;

Billi

- jipprovdu, sad-data tal-intervista, evidenza li l-kwalifika primarja fin-Nursing/ Mental Health Nursing ġiet segwita bil-lingwa Ingliża;

**JEW**

- jipprovdu, sad-data tal-intervista, ċertifikat validu tal-IELTS (international English Language Testing System) ta band score medju ta' 6 jew ogħla f'dominji ta' komprensjoni, qari, kitba u lingwa mitkellma. Kwalifika ċċertifikata ekwivalenti għal IELTS Livell 6 (ta' band score medju ta' 6) eż. GCSE / Cambridge Grad Ċ, TOEFL (IBT) : 60-8 CEFR : B2 jkunu wkoll aċċettati;

**JEW**

- billi jipprovdu dokumentazzjoni li turi tal-inqas sitt (6) xhur esperjenza ta' xogħol iċċertifikata full-time bħala infermiera rreġistrata fir-Renju Unit jew l-Irlanda jew kwalunkwe pajjiż ieħor li jitkellem l-Ingliż fejn l-Ingliż huwa l-lingwa primarja u/jew uffiċjali.

**U**

iii. fil-pussess ta' kwalifika rikonoxxuta f'Livell 5 tal-MQF (b'minimu ta' 120 ECTS/ECVET krediti jew ekwivalenti) f'Nursin Mental Health Nursing U jkollhom ċertifikat ta' reġistrazzjoni mal-Kunsill tal-Infermiera u Qwiebel (Malta) bħala Infermier fl-Ewwel Livell (First Level Nurse), jew ikollhom isimhom imniżżel fit-Taqsimiet Speċjali tar- Reġistru miżmum mill-Kunsi tal-Infermiera u Qwiebel (Malta) għarrigward ta' Infermiera mħarrġa f'oqsma speċjali differenti rikonoxxuti mill-imsemm Kunsill;

**JEW**

iv. fil-pussess ta' kwalifika rikonoxxuta f'Livell 6 tal-MQF (suġġett għal minimu ta' 180 ECTS/ECVET krediti je ekwivalenti) f'Nursing / Mental Health Nursing jew l-ekwivalenti tiegħu kif stabbilit mid-Dipartiment tas-Saħħa wara konsultazzjoni mal-Kunsill tal-Infermiera u l-Qwiebel**U** jkollhom ċertifikat ta' reġistrazzjoni mal-Kunsill tal- Infermiera u Qwiebel (Malta) bħala Infermiera fl-Ewwel Livell (First level Nurse), jew ikollhom isimhom imniżżel fit-Taqsimiet Speċja tar-Reġistru miżmum mill-Kunsill tal-Infermiera u Qwiebel (Malta) għar-rigward ta' Infermiera mħarrġa f'oqsma speċjal differenti rikonoxxuti mill-imsemmi Kunsill.

**Uffiċjali pubbliċi li japplikaw għal dan il-post iridu jkunu kkonfermati fil-ħatra attwali tagħhom, sakemm il-ħatra attwali ma tkunx fi klassi/linja ta' karriera differenti jew f'pożizzjoni definita, iżda jistgħu japplikaw għal grad/pożizzjoni inqas anki jekk mhux ikkonfermati u irrispettivament jekk hux fl-istess linja ta' karriera jew le. Riverżjoni għal ħatra preċedenti mhux ikkonfermata mhijiex possibbli.**

4.2 (i) Aktar minn hekk, kandidati li għadhom ma kisbux formalment jew għadhom mhux approvati għall-kwalifika rikjesta hekk kif speċifikata fil-paragrafu 4.1 jew kif indikat f'paragrafu 3.1 tad-dispożizzjonijiet ġenerali https://publicservices.gov.mt/en/people/Documents/Recruitment_GenProvs/General%20Provisions_MT.pdf xorta jiġu kkunsidrati, basta jibagħtu evidenza li jinsabu fl-aħħar fażi tal-kors li jwassal għall-għoti tat-tali kwalifika. Il-kandidati jridu jiksbu il-kwalifika **U** jkollhom ċertifikat ta' reġistrazzjoni bħala First level Nurse mal-Kunsill tal-Infermiera u Qwiebel (Malta) **fi żmien sena mid-data tal-ħatra**. Fid-dawl tan-natura ta' din il-kariga, il-ħatra ta' kull kandidat taħt din il-klawsola ssir biss meta l-kandidat jikseb ir-reġistrazzjoni pertinenti.

(ii) Kandidati li bħalissa qed isegwu programm ta' studju rikonoxxut f'livell tal-MQF ogħla minn dak mitlub hawn fuq jiġu kkunsidrati wkoll. Dawn il-kandidati għandhom jissottomettu evidenza li temmew b'suċċess il-kretti meħtieġa tal-ECTS/ECVET, jew ekwivalenti, u laħqu l-livell tal-MQF meħtieġ, sal-ħin u d-data tal-għeluq tas-sejħa għal applikazzjonijiet. L-applikanti prospettivi għandhom jinnotaw ir-rekwiżit li jipproduċu dikjarazzjonijiet ta' rikonoxximent tal-MQRIC fir-rigward tal-kwalifiki tagħhom mill-MQRIC, jew awtorita' pertinenti oħra, kif applikabbli, skont id-dispożizzjonijiet applikabbli għal din is-sejħa għall-applikazzjonijiet (ara l-ħolqa aktar l'isfel).

4.3. Uffiċjali Pubbliċi li għandhom grad fi klassi partikolari, u li ngħataw il-ħatra ta' Officer in Scale permezz ta' deċiżjoni tal-Grievances Unit fl-istess skala ta' dak ta' grad ogħla fl-istess klassi, huma eliġibbli li japplikaw għal gradi miftuħa għal uffiċjali li għandhom tali grad ogħla bl-istess skala ta' dik tal-ħatra ta' Officer in Scale.

Is-snin ta' servizz mid-data ta' meta ġiet effettiva l-ħatra bħala Officer in Scale jgħoddu bħala parti mis-snin ta' servizz mitluba fis-sejħa t'applikazzjonijiet.

Kwalunkwe kriterju ieħor t'eliġibbilta' għall-post irid jiġi sodisfatt skont din is-sejħa t'applikazzjonijiet.

4.4 Uffiċjali pubbliċi li bħalissa għandhom ħatra bħala Uffiċjal fil-Grad huma kkunsidrati fuq bażi personali li jappartjenu għall-Klassi/Stream tal-grad sostantiv immedjatament preċedenti tagħhom, u jistgħu japplikaw fuq il-bażi tal-iskala kurrenti tagħhom bħala Uffiċjal fil-Grad, li għandha tkun ekwivalenti għal, jew ogħla minn, dak li hu meħtieġ minn din is-sejħa għall-applikazzjonijiet.

Is-snin ta' servizz mid-data effettiva tal-ħatra bħala uffiċjal fil-Grad huma kkalkulati għall-iskop li jissodisfaw is-snin meħtieġa ta' 'servizz fil-grad' kif stipulat fis-sejħiet għall-applikazzjonijiet.

Kwalunke rekwiżit ieħor ta' eliġibbiltà għall-post/pożizzjoni għandu jintlaħaq f'termini ta' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet.

**Sottomissjoni ta' Dokumentazzjoni**

5.1 Il-kwalifiki u l-esperjenza li l-persuna jkollha għandhom jintwerew b'ċertifikati/transkrizzjonijiet u/jew dokumenti, li kopja tagħhom għandha tkun skennjata u mibgħuta permezz tar-Recruitment Portal (https://recruitment.gov.mt).

5.2. Id-dokumenti oriġinali għandhom, mingħajr eċċezzjoni, jintwerew waqt l-intervista.

**Proċeduri tal-Għażla**

6.1 L-applikanti eliġibbli jiġu assessjati minn Bord tal-għażla biex jiġi ddeterminat min hu adatt għall-post. Il-marka massima għal dan il-proċess tal-għażla hija 100% u l-marka li persuna trid iġġib biex tgħaddi hija 50%.

6.2 Tingħata kunsiderazzjoni xierqa lill-kandidati li, minbarra dak rikjest f'paragrafi 4.1 - 4.2, għandhom esperjenza ta' xogħol relevanti u ppruvata.

**Sottomissjoni tal-Applikazzjoni**

7.1 L-applikazzjonijiet għandhom jiġu sottomessi għall-attenzjoni tad-Diviżjoni tal-People Management, Ministeru għas-Saħħa u Anzjanità Attiva, 15, Palazzo Castellania, Triq Merkanti, Valletta VLT117 permezz tal-Portal ta' Reklutaġġ tal-Gvern onlajn biss f'dan l-indirizz: https://recruitment.gov.mt. L-applikazzjonijiet għandhom jinkludu Curriculum Vitae kompletament aġġornat (li għandu jinkludi lista tal-kwalifiki tal-applikant u l-employment history). Id-data tal-għeluq tal-applikazzjonijiet hija sal 5:15 pm (Ħin Ċentrali Ewropew) ta' nhar it-Tnejn, 24 ta' Marzu,

2025. Ittra elettronika ġġenerata mill-kompjuter tintbagħat bħala rċevuta tal-applikazzjoni. Aktar dettalji dwar is-sottomissjoni tal-applikazzjonijiet jinsabu fid-dispożizzjonijiet ġenerali msemmija hawn isfel.

7.2 Hija r-responsabbiltà tal-applikanti li ma jħallux sal-aħħar mument biex jissottemettu l-applikazzjoni tagħhom.

7.3 Applikazzjonijiet li jaslu wara d-data u l-ħin tal-għeluq (i.e. applikazzjonijiet tard) ma jiġux aċċettati.

7.4 Applikanti jingħataw sa jumejn (2) xogħol wara d-data u l-ħin tal-għeluq ta' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, biex jissottometu dokumenti mhux korretti jew mhux mimlija kif suppost jew nieqsa.

**Dispożizzjonijiet Ġenerali Oħra**

**8. Dispożizzjonijiet ġenerali oħra dwar din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, b'referenza partikolari għall-:**

- benefiċċji applikabbli, kundizzjonijiet u regoli/regolamenti;
- applikazzjonijiet laterali;
- bdil raġonevoli għall-persuni rreġistrati b'diżabilità;
- sottomissjoni ta' dikjarazzjoni ta' rikonoxximent dwar il-kwalifiki ;
- kwalifiki f'livell ogħla;
- livell komparattiv tal-impjegati tas-settur pubbliku;
- rinunzji ta' applikazzjonijiet pendenti;
- pubblikazzjoni tar-riżultat;
- eżami mediku;
- proċess sabiex tiġi sottomessa petizzjoni dwar ir-riżultat;
- aċċess għall-formola tal-applikazzjoni u dettalji relatati;
- żamma ta' dokumenti;

jistgħu jiġu aċċessati fl-indirizz https://publicservices.gov.mt/en/people/Documents/Recruitment_GenProvs/General%20Provisions_MT.pdf jew jinkisbu mild-Diviżjoni tal-People Management, Ministeru għas-Saħħa u Anzjanità Attiva, 15, Palazzo Castellania, Triq Merkanti, Valletta VLT1171 . Dawn il-provvedimenti ġenerali għandhom jiġu meqjusa bħala parti integrali minn din is-sejħa għall-applikazzjonijiet.

Is-sit u l-indirizz elettroniku tad-Diviżjoni huma https://sahha.gov.mt u recruitment.health@gov.mt

Ms. Maureen Mahoney
Direttur Ġenerali (People Management)
għas/Segretarju Permanenti (Saħħa)

Ministeru għas-Saħħa u Anzjanità Attiva.